MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Numru 571/2003

Il-Pulizija
(Sp Alexandra Mamo)
vs
Maria Ros Camilleri, bint Paul
Pace, imwielda Rabat fil-11 ta'
Mejju, 1958

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar xhur, u cioe' f'april, 2003 –
a. sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz;
b. għamlet falsifikazzjoni fi skrittura privata, b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi daħħlet isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew

imnizzla f'reġistri jew f'atti pubbliċi oħra, wara li jkunu ġa ffurmati jew magħluqa, għamlet din il-falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna, jew ġabet utli, u aktar xjentement għamlet użu minn din l-iskrittura falza;
c. għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' ottubru, 2003 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputata u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikoli 187, 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali.  Rat l-ammissjoni bikrija tagħha, il-fedina penali netta, il-ko-operazzjoni mal-pulizija, in-nuqqas ta' danni lil terzi u li hi omm ta' żewġ titfal minorenni.  Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn.  Inoltre, rat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u din il-Qorti hi tal-fehma li għandha tirrakomanda li Maria Ros Camilleri ma għandhiex titlef l-impieg minħabba l-għejxin tal-familja tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------